



**KUNSILL
TAL-UNJONI EWROPEA**

**Brussell, 14 ta' Mejju 2012
(OR. en)**

16395/11

**Fajl Interistituzzjonali:
2011/0303 (NLE)**

**AMLAT 99
PESC 1390
WTO 388**

ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-konklużjoni tal-Ftehim li jistabbilixxi Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Amerika Ċentrali, min-naħa l-oħra

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL NRU .../2012/UE

ta'

**dwar il-konklużjoni tal-Ftehim li jistabbilixxi Assoċjazzjoni bejn
l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda,
u l-Amerika Ċentrali, min-naħa l-oħra**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 217 flimkien mal-Artikolu 218(6)(a) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-kunsens tal-Parlament Ewropew¹,

¹ Kunsens ta' ...(għadu mhuwiex ippubblikat fil-*Ġurnal Uffiċjali*).

Billi:

- (1) Fit-23 ta' April 2007, il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni biex tinneozja Ftehim ta' Assoċjazzjoni f'isem l-Unjoni Ewropea mal-Amerika Ċentrali. Id-direttivi ta' negozjati ġew emendati fl-10 ta' Marzu 2010 biex jinkludu lill-Panama fil-proċess ta' nneozjar.
- (2) Dawn in-negozjati ġew konklużi fl-okkażjoni tas-Summit UE-Amerika Latina u Karibew f'Madrid f'Mejju 2010 u l-Ftehim li jstabilixxi Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Amerika Ċentrali, min-naħa l-oħra (minn hawn 'il quddiem jissejjaħ "il-Ftehim") ġie inizjalat fit-22 ta' Marzu 2011.
- (3) B'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill Nru .../2012/UE ^{1*}, il-Ftehim ġie ffirmat f'isem l-Unjoni fi..., suġġett għall-konklużjoni tiegħu u għall-applikazzjoni fuq bażi provviżorja tal-Parti IV tiegħu.
- (4) Il-Ftehim għandu jiġi approvat.
- (5) Il-Ftehim ma jaffettwax id-drittijiet ta' investituri tal-Istati Membri li jibbenefikaw minn kwalunkwe trattament aktar favorevoli previst fi kwalunkwe ftehim relatat mal-investment li għalih Stat Membru u Repubblika tal-Amerika Ċentrali firmatarju jkunu Partijiet.

¹ ĠU ...

* Nota lill-ĠU: daħħal in-numru u r-referenza tal-pubblikazzjoni tad-Deċiżjoni fid-dokument 16374/11.

- (6) B'konformità mal-Artikolu 218(7) tat-Trattat, huwa kunsiljabbli li l-Kunsill jawtorizza lill-Kummissjoni biex tapprova l-modifiki fil-lista ta' indikazzjonijiet ġeografiċi li ġew rakkomandati mis-Sottokomitat dwar il-Proprietà Intellettwali lill-Komitat ta' Assoċjazzjoni għall-approvazzjoni mill-Kunsill ta' Assoċjazzjoni skont l-Artikoli 247 u 274.2(a) tal-Ftehim.
- (7) Huwa kunsiljabbli li jiġu stabbiliti l-proċeduri rilevanti għall-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi b'konformità mal-Ftehim.
- (8) B'konformità mal-Artikolu 356 tal-Ftehim, huwa kunsiljabbli li jiġi ċċarat li l-Ftehim ma għandux jiġi interpretat bħala wieħed li jagħti xi drittijiet jew li jimponi xi obbligi li jistgħu jiġu invokati direttament fil-qrati u t-tribunali tal-Unjoni jew tal-Istati Membri.
- (9) Id-dispożizzjonijiet tal-Ftehim li jaqgħu fl-ambitu tat-Titolu V tal-Parti Tlieta tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jorbtu lir-Renju Unit u lill-Irlanda bħala Partijiet Kontraenti separati, u mhux bħala parti mill-Unjoni Ewropea, sakemm l-Unjoni Ewropea flimkien mar-Renju Unit u/jew l-Irlanda ma jinnotifikawx b'mod konġunt lill-Parti tal-Amerika Ċentrali li r-Renju Unit jew l-Irlanda jintrabtu bħala parti mill-Unjoni Ewropea f'konformità mal-Protokoll (Nru 21) dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u tal-Irlanda fir-rigward tal-ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

- (10) Jekk ir-Renju Unit u/jew l-Irlanda ma jibqgħux marbutin bħala parti mill-Unjoni Ewropea f'konformità mal-Artikolu 4a ta' dak il-Protokoll (Nru 21), l-Unjoni Ewropea flmkien mar-Renju Unit u/jew l-Irlanda għandhom jinfurmaw minnufih lill-Parti tal-Amerika Ċentrali bi kwalunkwe bidla fil-pożizzjoni tagħhom. F'dak il-każ, huma għandhom jibqgħu marbutin bid-diżpozzjonijiet tal-Ftehim f'isimhom stess. L-istess japplika għad-Danimarka f'konformità mal-Protokoll (Nru 22) dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka anness ma' dawk it-Trattati,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-Ftehim li jistabbilixxi Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Amerika Ċentrali, min-naħa l-oħra^{1*}, huwa b'dan approvat fisem l-Unjoni Ewropea.

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill għandu jinnomina lill-persuna jew persuni li jkollhom is-setgħa jipproċedu, f'isem l-Unjoni, sabiex jagħtu n-notifika prevista fil-paragrafi 2, 3 u 4 tal-Artikolu 353 tal-Ftehim, sabiex din tesprimi l-kunsens tal-Unjoni li tintrabat bil-Ftehim.

Artikolu 3

Għall-finijiet tal-Artikolu 247 tal-Ftehim, il-modifiki li jsiru lill-Ftehim permezz tad-deċiżjonijiet tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni, kif propost mis-Sottokomitat dwar il-Proprietà Intellettwali dwar l-indikazzjonijiet ġeografiċi, għandhom jiġu approvati mill-Kummissjoni f'isem l-Unjoni Ewropea. Fejn il-partijiet interessati ma jistgħux jilhqqu ftehim wara li jsiru oġġezzjonijiet relatati mal-indikazzjoni ġeografika, il-Kummissjoni għandha tadotta pożizzjoni fuq il-bażi tal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 15(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 510/2006 tal-20 ta' Marzu 2006 dwar il-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi u d-denominazzjonijiet tal-orġini għall-prodotti agrikoli u l-oġġetti tal-ikel².

¹ Il-Ftehim ġie ppubblikat fil-ĠU ... flimkien mad-Deċiżjoni dwar l-iffirmar.

* Nota lill-ĠU: daħħal fin-nota 1 ta' qiegħ il-paġna r-referenza tal-pubblikazzjoni tal-Ftehim fid-dokument 16396/11.

² ĠU L 93, 31.3.2006, p. 12.

Artikolu 4

1. Isem protett taħt l-Anness XVIII tal-Ftehim (Indikazzjonijiet Ġeografiċi Protetti) jista' jintuża minn kwalunkwe operatur li jikkummerċjalizza prodotti agrikoli, oġġetti tal-ikel, inbejjed, inbejjed u spirti aromatiċi li jikkonformaw mal-ispeċifikazzjoni korrispondenti.
2. L-Istati Membri u l-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea għandhom jinfurzaw il-protezzjoni prevista fl-Artikolu 246 tal-Ftehim, anke fuq talba ta' parti interessata.

Artikolu 5

Id-dispożizzjoni applikabbli bl-għan li jiġu adottati r-regoli ta' implimentazzjoni meħtieġa għall-applikazzjoni tar-regoli inklużi fl-Appendiċi 2A tal-Anness II (Dwar it-Tifsira tal-Kunċett ta' "Prodotti li Joriġinaw" u l-Metodi tal-Kooperazzjoni Amministrattiva) u l-Appendiċi 2 tal-Anness I (Tneħħija tad-Dazji) tal-Ftehim, hija l-Artikolu 247a tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 tat-12 ta' Ottubru 1992 li jwaqqaf il-Kodiċi Doganali tal-Komunità¹.

¹ ĠU L 302, 19.10.1992, p. 1.

Artikolu 6

Il-Ftehim ma għandux jiġi interpretat bħala wieħed li jagħti xi drittijiet jew li jimponi xi obbligi li jistgħu jiġu invokati direttament fil-qrati u t-tribunali tal-Unjoni jew tal-Istati Membri.

Artikolu 7

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill

Il-President
